Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9930 — LGP/TPG/WellSky)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 280/09)

1. Fit-18 ta' Awwissu 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Leonard Green & Partners, L.P. ("LGP", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— TPG Capital ("TPG", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— WellSky Corporation ("WellSky", l-Istati Uniti tal-Amerka).

LPG u TPG jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' WellSky kollha kemm hi. BħalissaTPG tikkontrolla hija biss lil WellSky.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— LGP: ditta ta' investiment ta' ekwità privata, li primarjament tinvesti f'kumpaniji li jipprovdu servizzi, inklużi servizzi tal-konsumatur, tan-negozju, u tal-kura tas-saħħa, kif ukoll bejgħ bl-imnut, distribuzzjoni, u industrijali,

— TPG: ditta globali ta' investiment privat li tiġġestixxi familja ta' fondi, li tinvesti f'varjetà ta' kumpaniji permezz ta' akkwisti u ristrutturar korporattiv,

— WellSky: fornitur ta' software tal-kura tas-saħħa ta' speċjalità (Software as a Service, "SaaS" u pjattaformi ta' software oħrajn) għall-ġestjoni tal-flussi ta' xogħol kliniku, finanzjarju u amministrattiv. Fiż-ŻEE, WellSky tikkummerċjalizza biss soluzzjonijiet ta' software, li jittrattaw il-ġestjoni tal-medikazzjoni u s-software ta' ġestjoni tal-kimoterapija.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9930 — LGP/TPG/WellSky

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË